MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 446/1997/1

***Dr Carmel Chircop bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta***
***vs***
***Dr Godfrey Gauci Maistre u PL Rose Sciberras bhala kuraturi deputati nominati biex jirraprezenta lis-socjeta estera Sableside Investments Limited***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici, wara li **ppremettiet**:
Illi s-socjeta konvenuta ghandha bhala propjeta boat bl-isem "Rosabelle" li tinsab gewwa l-marina ta' l-Imsida;

Illi s-socjeta konvenuta hija responsabbli ghal-hlas tal-berthing fees ta' l-imsemmja boat liema fees sal-30 ta'

Gunju 1997 huma Lm 1104.91 (elf mija u erba' liri Maltin u wiehed u disghin centezmu);

Illi l-attur nom talab lill-konvenut sabiex jhallas l-ammont dovut permezz ta' diversi ittri u fatturi u minkejja dan baqa' inadempjenti;

**Talbet** li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta debittrici fis-somma ta' Lm 1104.91;
2. Tikkundannha thallas l-ammont hekk dovut.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine, guramentata minn Dottor Carmel Chircop, u l-lista tax-xhieda;

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-udjenza tat-02 ta' Lulju 2003 l-Avukat Dr. Godfrey Gauci Maistre fil-kwalita` tieghu ta' kuratur deputat nominat biex jirrapresenta s-socjeta' konvenuta, ppresenta nota fejn ammetta t-talba attrici kif dedotta.

Ghaldaqstant il-Qorti, tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti bl-imghax legali kif mitlub, u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------